**1 ta' Ottubru, 1964**

**Imħallef:**

**Onor. A. Gauci Maistre, LL.D.**

Joseph Fsadni

*versus*

Carmelo Zahra

**Kolliżjoni — "Right of way" — Responsabbiltà — Responsabbiltà kontributorja.**

*Il-"right of way" huwa tal-karozza illi tkun qed tinsaq għad-dritt fit-triq.*

*Min jaqta' l-linja tat-traffiku billi jdur għal ġenb huwa fid-dover illi jassigura illi ma hemmx traffiku ġej kontra tiegħu.*

*Meta wieħed għandu r-"right of way", m'għandux jagħlaq għajnejh u jibqa' għaddej mingħajr ebda konsiderazzjoni ta' vetkoli oħra li jistgħu jużaw it-triq.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur — premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni; peress illi fit-tnejn u għoxrin (22) ta' Ġunju, 1963, għal xil-ħdax u kwart ta' fil-għodu f'Imdina Road, limiti ta' Ħal Qormi, il-konvenut fil-waqt li kien isuq il-van numru 946 imħabba negliġenza imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-Regolamenti ħabat mal-karozza tal-attur "Simca" numru 27026 misjuqa mill-istess attur u b'hekk ikkaġuna ħsarat fl-istess karozza u dannu tal-attur — talab li l-konvenut jiġi dikjarat minn din il-Qorti li huwa responsabbli għad-danni sofferti mill-attur bħala konsegwenza tal-istess kolliżjoni, l-ammont tal-istess danni, konsistenti fil-ħsara li saret fil-karrozza tal-attur fit-telf tal-użu tal-karrozza tal-attur waqt li kienet tissewwa u f'danni oħra li jistgħu jirriżultaw, jiġi likwidat minn din il-Qorti; il-konvenut jiġi kundannat iħallas lill-attur is-somma li tiġi likwidata kif fuq imsemmija bħala risarċiment tad-danni fuq indikati, bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra uffiċjali tas-sebgħa (7) 7 ta' Settembru, 1963.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut (fol. 5) li biha eċċepixxa illi l-kolliżżjoni ndikata fl-att taċ-ċitazzjoni u d-danni konsegwenzjali ġew kaġonati u provokati mħabba sewqan qawwi u bla kont u ħtija oħra tal-attur;

Omissis.

Tikkunsidra illi l-perit wasal għal konklużjoni illi l-ħabta kienet dovuta kollha għal attur billi:

1) Ma ndunax bis-sinjal u bil-manuvra li għamel il-konvenut li kien sejjer idur għal side street.

2) Għaliex anke meta nduna bil-manuvra tal-konvenut, ma għarafx imħabba nuqqas *ta' attenzjoni jew perizja li jevita* l-kollizzjoni.

Mill-provi *rriżulta illi l-attur dik inhar li ġrat il-kollizzjoni* kien għaddej għal ħabta tal-10.15 a.m. minn Mdina Road, Qormi, u niżel lejn il-Marsa, b'veloċità kif xehed huwa stess ta' bejn 25 u 30 mil fis-siegħa. Il-veloċità permessa mir-regolamenti f'dik il-lokalità ma tistax teċċiedi l-25 mil fis-siegħa. *Il-konvenut li* kien għadu kemm spiċċa jwaħħal aerial fuq bejt ta' dar kien sejjer 'il fuq bil-van tiegħu u kellu tnejn oħra fis-seat ta' quddiem: il-van kien jippermetti illi joqgħodu tlieta inkluż *id-driver fil-front seat. Ftit wara li* telqu, meta skond il-konvenut kienu mixjin bil-għaxar mili fis-siegħa, dak li kien ħdejn il-konvenut qallu "minn hawn għal Ħal Qormi", u l-*konvenut* ħareġ idu ħares *'il fuq u l-isfel u dar għal St. Catherine* Street, u kif kien kważi daħal ġo fiha, l-attur ħabat miegħu billi laqatlu l-mudguard ta' wara tax-xellug bil-mudguard ta' quddiem *tax-xellug tiegħu wkoll. Il-konvenut* xehed *illi* meta ħares 'il fuq u l-isfel ma rax lill-attur: l-attur jgħid illi l-konvenut dar fuq il-lemin mingħajr ma għamel ebda sinjal, u huwa allura applika l-brakes u pprova jmur in-naħa l-oħra tat-triq biex jevitah però ma rnexxilux.

Il-Qorti ma tarax li tista' taqbel għal kollox mal-konklużjonijiet peritali. Il-car tal-attur kien miexi fi triq dritta u fit-triq prinċipali u fuq *sajdu; il-konvenut minn triq prinċipali* ried imur fi triq sekondarja u biex jagħmel hekk ried imur fuq il-lemin tiegħu u jinvadi t-triq tal-attur li kellu d-dritt tal-passaġġ. L-attur huwa għalhekk assistit *mill-presunzjoni illi t-tort* huwa ta' min invada t-triq tiegħu. "A driver turning his vehicle towards the right and thereby colliding with a vehicle turning towards *him on the same road is generally at fault"* (Gibb Trial of Motor Car Cases sec. 79). Dana del resto irrikonoxxih il-perit fix-xhieda tiegħu meta qal illi r-right of way huwa

tal-karozza li tkun nieżla triq dritta, ċioè dik tal-attur, u meta qal li min jaqta l-linja tat-traffiku billi jdur għal ġenb huwa fid-dover li jassigura li ma hemmx traffiku ġej kontra tiegħu.

Naturalment billi wieħed għandu r-right of way m'għandux jagħlaq għajnejh u jibqa' għaddej mingħajr ebda konsiderazzjoni ta' vehikoli oħra li jistgħu jużaw it-triq, u jista' jkun hemm każi fejn bir-right of way b'kollox ikun huwa biss responsabbli bħal meta per eżempju mħabba speed eċċessiv, jinganna li min ikun qiegħed idur għal lemin billi ma jippermettilux jaqsam nonostanti d-distanza kbira bejn iż-żewġ vehikoli. Fil-każ preżenti l-konvenut xehed illi huwa għamel sinjal li kien sejjer idur lejn il-lemin: dan però ma huwiex biżżejjed għaliex il-fatt li driver jagħmel sinjal ma jagħtix id-dritt li jdur fuq il-lemin mingħajr żgur li l-via hija libera. Inoltre l-konvenut xehed illi meta huwa ħares 'il fuq u l-isfel qabel ma dar lejn il-lemin, ma rax lill-attur. Issa kif osserva l-perit il-post fejn saret il-kolliżżjoni hija dritta u wiesa u l-perit stess stagħġeb kif il-kontendenti ma setgħux jevitaw lil xulxin.

Dana juri li ma kienx hemm a proper look out u li l-konvenut qabad u dar fuq il-lemin kif ġie ġie. Il-konvenut hu korroborat minn sieħbu, li għamel sinjal li sejjer idur, però evidentement dan is-sinjal sar l-istess ħin li kien qiegħed idur u għalhekk il-attur ma rax dan is-sinjal għaliex sar tard wisq. Huwa wisq probabbli li l-konvenut kif sieħbu qallu "din it-triq għal Ħal Qormi" dar bruskament u mingħajr preavviż u mingħajr ma qagħad attent għat-traffiku li seta' kien ġej kontra tiegħu.

Il-Qorti għalhekk hija tal-fehma illi l-kolliżżjoni saret prinċipalment bi ħtija tal-konvenut. Il-Qorti taqbel mal-perit li l-attur ma kienx attent biżżejjed u ma ħax evasive action biżżejjed malajr; l-ispeed ftit eċċessiv ikkontribwixxa wkoll. L-attur laqat lill-konvenut ftit 'il bogħod mill-linja tat-triq

jiġifieri meta l-konvenut kien kważi qasam it-triq kollha u laqtu fuq il-mudguard tax-xellug ta' wara. Dana jfisser li l-konvenut kien kważi daħal ġo St. Catherine Street, u l-attur seta' nduna bih qabel. Dana juri jew nuqqas ta' attenzjoni jew speed eċċessiv, u għalhekk l-attur ikkontribwixxa wkoll għal kolliżżjoni. Il-Qorti fid-diskrezzjoni tagħha tiffissa għal kwart ir-responsabilità tad-danni da parti tal-attur.

Il-Qorti għaldaqshekk tiddeċiedi billi tiddikjara illi l-konvenut huwa responsabbli għal tlett kwarti tad-danni sofferti mill-attur bħala konsegwenza tal-kolliżjoni bl-ispejjeż in kwant għal kwart għall-attur u għal tliet kwarti għal konvenut, Omissis.